# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 23

Data tal-laqgħa: 27 ta' Ottubru 2020

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Dr Angelo Micallef – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Mary Louise Briffa – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 23.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

23.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

23.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti ta' Laqgħa Nru. 22. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

23.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 23.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

23.3.1 <u>Para 22.9.1.3 - Devoluzzjoni tal-għalqa f'Wesgħa Profs. Ġużè' Aquilina</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li kienet bagħtet id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa bħala parti mill-ewwel fażi tal-proċess għall-applikazzjoni għad-devoluzzjoni. Is-SE qalet lid-DGL infurmaw li l-proċess inbidel u ser ikunu qed jibgħatu komunikat bit-tibdil neċessarju fil-ġranet li ġejjin.

23.3.2 <u>Para 22.4.2 - Triq magħluqa mingħajr permess</u>
Il-Viċi Sindku staqsa dwar jekk ktibniex lis-Supretendent tad-distrett dwar din il-problema. Is-SE wieġbet fin-negattiv peress li mill-aħħar laqgħa s-Supretendent inbidel u għad m'għandniex kuntatt mas-Supretendent il-ġdid. Il-Viċi Sindku talab li kif ikollna kuntatt tas-Supretendent il-ġdid, ninfurmawh b'din il-problema .

## 23.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

23.4.1.1 <u>Tiswija ta' dawl tat-toroq</u>
Is-Sindku semma li qed ikun hemm ta' ilmenti fuq id-dewmien biex jiġu msewwija d-dwal tat-toroq. Is-Sindku qal li huwa essenzjali li jiġu rranġati mill-aktar fis possibbli għax reġa' qed ikun hawn numru ta' serq mid-djar fil-lokalità.

23.4.1.2 Is-SE infurmat li kien hemm xi każi fejn kien hemm dewmien, li jaqgħu taħt l-Enemalta. Dwar il-każi li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill, is-SE qalet li l-kuntrattur infurmana li hemm ħafna mill-impjegati fuq kwarantina u għalhekk qed ikun hemm ċertu dewmien.

23.4.2.1 <u>Lanterni ta' fuq iz-zuntier tal-Knisja</u>
Il-Viċi Sindku qal li f'laqgħa preċedenti issemma li kienu qed jiġu restawrati l-lanterni li hemm fuq iz-zuntier tal-Knisja. Jidher lix-xogħlijiet tlestew u lanterna waħda biss qed tixgħel. Apparti minn hekk, il-ħġieġ tal-lanterni ma ġiex irranġat.

23.4.2.2 Għalhekk, il-Viċi Sindku talab li niċċekkjaw ma' Dr Zammit Lewis dwar jekk hemmx l-intenzjoni li jitkompla x-xogħol ta' restawr fuqhom.

23.4.3 <u>*Flood lights* li jixgħelu l-faċċata tal-Knisja</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill li resident qed jistaqsi dwar il-*flood lights* li hemm imwaħħla mal-Każin tal-PN u ma' tal-Lottu, li jixgħelu l-faċċata tal-Knisja għax ilhom żmien twil ma jixgħelu. Ser niċċekkjaw min hu responsabbli minnhom biex jiġu rranġati.

23.4.4 <u>Għassa tal-pulizija</u>
Is-Sindku semma li l-Għassa għadha magħluqa. Il-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef talab sabiex nibgħatu ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija bħala tfakkira għall-ittra li bagħtna dwar dan is-suġġett ix-xahar l-ieħor.

23.4.5.1 <u>Ilmenti</u>

Is-Sindku staqsa jekk bħala uffiċċju, inżommux rendikont tal-ilmenti li jirċievi l-Kunsill. Is-SE qalet li għalkemm kull ilment jiġi ndirizzat, ma jinżammx rendikont.

23.4.5.2 Kien hemm qbil li tinħoloq *Excel sheet* biex minn Jannar 2021 jibdew jiġu reġistrati l-ilmenti kollha (bid-dettalji ta' min għamel l-ilment) li jidħlu bit-telefown, *email* u l-paġna ta' Facebook tal-Kunsill.

23.4.6.1 <u>*Embellishment* tar-*roundabout* ta' Triq l-Għerusija</u>

Is-Sindku staqsa jekk is-siġra (li mietet) inqalgħetx mir-*roundabout*. Xi kunsilliera wieħbu fin-negattiv u s-SE ser terġa' tinfurma lill-ELC biex titneħħa.

23.4.6.2 Dwar il-proġett ta' *embellishment,* is-Sindku ser ikun qed iġib xi kwotazzjonijiet għal *embellishment* (*greenary*) tar-*roundabout*.

23.4.7 <u>Parking bays fi Triq il-Kbira</u>

Is-Sindku infurma li resident li joqgħod ftit l'isfel mill-Każin tal-futbol fi Triq il-Kbira qed jitlob biex il-*parking bays* li hemm quddiem ir-residenza tiegħu jersqu ftit l'isfel għax kif qiegħdin preżentament, l-ilma tax-xita jżomm mal-karozzi pparkjati, jaqbeż il-bankina u jidħlilhom ġewwa. Il-Kunsill approva li jersqu l-*parking bays*.

## 23.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

23.5.1 Il-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef staqsa: 'Wara li s-Sindku b'mod immedjat u urġenti ħa f'idejh l-inkarigu li jkellem lis-sid ta' Fra Giuseppe sabiex jiġi mwassal l-ilmenti li ġew mressqa lil Kunsill, kien hemm xi reazzjoni mis-sid ta' Fra Giuseppe?

23.5.2 Is-Sindku qal lis-sid ċaħad kemm li ostakola l-aċċess tal-isqaq, kif ukoll li invita l-umbrella mal-bankina. Ġie rrimarkat li numru ta' umbrelel sal-lum, għandhom invitati mal-bankina.

23.5.3 Il-Kunsillier Mary Louise Briffa infurmat li reġgħu ġibdulha l-attenzjoni li ta' kull filgħaxija qed tiġi imblukkata d-*disabled parking bay* ta' quddiem il-Kunsill. Il-pulizija ser jerġgħu jiġu infurmati biex jinfurzaw.

23.5.4 Dwar ostaklu tal-aċċess tal-isqaq, idealment il-persuna li tilmenta tibgħat ukoll ritratt bħala prova.

23.5.5 Il-Kunsill iddiskuta u kien hemm qbil li kif nikkonfermaw li l-umbrelel għadhom invitati, niktbu lis-sid biex ninfurmawh ineħħi l-viti u jsewwi kwalunkwe ħsara li saret lill-bankina. Apparti minn hekk, infakkruh fl-obbligu li ma jostakolax l-aċċess tal-isqaq.

## 23.6 Rapporti

23.6.1 <u>Rapport Finanzjarju għat-tieni kwart minn Jannar sa Settembru 2020</u>

Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għat-tielet kwart minn Jannar sa Settembru 2020. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is-SE tat xi spjegazzjonijiet u rrispondiet xi mistoqsijiet li kellhom il-Kunsilliera.

23.6.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Mary Louise Briffa, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

## 23.7 Jum Ħal Balzan 2020

23.7.1 Minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19, il-Kunsill qabel li għal din is-sena, tiġi ċċelebrata l-quddiesa tal-okkażjoni u ssir l-Għotja tal-Premju Ġieħ Ħal Balzan u r-riċeviment li ssoltu jsir wara, ma jsirx.

23.7.2 Kien hemm qbil li Jum Ħal Balzan din is-sena jiġi ċċelebrat nhar il-Ħadd, 20 ta' Diċembru. Il-Kunsillier Stephen Gatt ser jikkonferma mal-Kappillan dwar id-data u l-ħin.

23.7.3 Kien hemm qbil ukoll li, peress li mhux ser isir ir-riċeviment, apparti plakka kommemorattiva, ir-rebbieħa tal-premju Ġieħ Ħal Balzan din is-sena ser jingħataw ukoll *hamper*.

## 23.8 Knis u Ġbir ta' skart

23.8.1 <u>Ġbir ta' skart</u>
Is-SE infurmat li mil-laqgħa li għaddiet, ilmenti dwar ġbir ta' skart naqsu ħafna.

23.8.2.1 <u>Knis</u>
Is-SE infurmat li wara d-deċiżjoni li ttieħdet fil-laqgħa li għaddiet (li jitnaqqas 10% tal-ammont tal-*invoice* ta' kull xahar mill-*Performance Guarantee),* il-kuntrattur qed jitlob li jwaqqaf il-kuntratt (li jiskadi fl-aħħar ta' Settembru 2021). Il-Kuntrattur lest li jibqa' jagħti s-servizz sakemm il-Kunsill isib kuntrattur ieħor. Is-SE infurmat li l-*Contracts Manager* ikkonferma li dan jista' jsir billi jiġi mħejji u ffirmat *termination agreement* bejn iż-żewġ partijiet.

23.8.2.2 Il-Kunsill irrimarka li qed ikun hemm wisq ilmenti u mhux kuntent bis-servizz. Għalhekk, unanimament approvaw li jitwaqqaf il-kuntratt, bil-kundizzjoni li jibqa' jagħti s-servizz sakemm jinstab kuntrattur ieħor.

23.8.2.3 Is-SE ser tibda l-proċess biex tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti. Id-dokument tat-*tender* ser jintbagħat lill-Kunsilliera biex jiġi approvat permezz tal-*email*.

## 23.9 *Bring-in-Site* f'Wesgħa Profs. Ġużè' Aquilina

23.9.1 Ġie nnutat li l-iskart mormi illegalment madwar il-*Bring-in-Site* naqas drastikament, għalhekk kien hemm qbil li għalissa l-kontenituri mhux ser jitneħħew.

23.9.2 Fuq nota differenti relatata ma' ġbir ta' annimali mejta mit-triq, is-Sindku infurma lill-Kunsill li rċieva *emails* minn resident, fejn qed jhedded li ser jiftaħ kawża lis-Sindku u lill-Kunsill peress li qed jallega li l-qattus tiegħu (li kien mitluf u l-mara tas-Sindku ratu mejjet fit-triq), inġabar u ma ntremiex b'mod dehen. Ir-resident infurmah li l-qattus kien *chipped* u għalhekk kien imissu saret verifika, biex sidu jiġi nfurmat qabel ma jiġi mormi. Is-SE ikkonfermat li ma daħlu l-ebda ilmenti li kien hemm qattus mejjet fit-triq.

23.9.3 Is-Sindku qal li l-każ ġara l-Ħamis u l-*Contracts Manager* infurmah li hemm post partikolari fejn suppost jittieħdu annimali mejta li jinġabru mill-kennies.

23.9.4 Il-Kunsill qabel li niktbu lill-kuntrattur tal-knies biex infakkruh u ninsistu li jaderixxu mal-obbligi kollha li hemm meta jiġi miġbur annimal mejjet mit-triq.

## 23.10 Attivitajiet għal żmien il-Milied

23.10.1 Ġiet innutata talba mingħand il-voluntiera ta' Triq l-Għerusija biex bħal kull sena, il-Kunsill iħallas il-konsum tad-dawl tat-tiżjin tal-Milied ta' Triq l-Għerusija. Is-SE infurmat lill-Kunsill li skont Ċirkulari 38/2016, l-attività għandha tiġi organizzata mill-Kunsill bil-kollaborazzjoni tal-voluntiera. Jekk il-voluntiera jaċċettaw, il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jiffinanzja l-konsum, biex din l-inizzjattiva li ilha għaddejja għal dawn l-aħħar snin, ma tispiċċax, bil-kundizzjoni li din l-attività tkun reklamata li qed issir mill-Kunsill bil-kollaborazzjoni tal-voluntiera.

23.10.2 Minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19, il-Kunsill iddeċieda li għal din is-sena ma jsirux attivitajiet.

## 23.11 Tisbiħ tal-*Playing field*

23.11.1 Is-SE ikkonfermat li l-fondi 'Sebbaħ il-Lokal' ġew estiżi sal-aħħar ta' Diċembru 2022. Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill l-abbozz ta' pjanti tal-proġett tal-*Playing field*.

23.11.2 Is-Sindku ta xi spjegazzjonijiet għall-pjanta ppreżentata. Is-Sindku infurma li wara li fix-xhur li għaddew ktibna l-banek, il-ġimgħa li għaddiet irċievejna *email* mingħand HSBC fejn infurmaw li huma nteressati li jinstalaw *ATM machine*. Issa li l-pjanti ġew iffinalizzati, biex issir irid jitneħħa r-*reading corner* peress li qed jitolbu *area* ta' 15m$^2$. Il-Kunsill m'approvax li tiġi nstallata.

23.11.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Mary Louise Briffa, il-pjanti ġew approvati unanimament.

23.11.4 Il-Kunsill ser jagħmel konsultazzjoni pubblika, fejn ir-residenti jistgħu jibgħatu s-suġġerimenti sal-laqgħa li jmiss. Dan sabiex il-Kunsill jieħu deċiżjoni finali abbażi tar-rispons li jkun hemm.

**F'dan il-ħin (5.30pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fil-5.33pm.**

## 23.12 Proġett ta' *embellishment* fi Triq il-Qarċilla

23.12.1 Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill il-pjanti tal-proġett ta' Triq il-Qarċilla.

23.12.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, il-pjanti ġew approvati unanimament.

23.12.3 Ser tintbagħat ittra lir-residenti kollha ta':

- Triq il-Qarċilla
- Triq San Franġisk (bejn Triq il-Ferrovija l-Qadima u Triq l-Imdina)
- Triq il-Karenza
- Triq il-Paguni
- Triq San Gabriel

Biex ninfurmawhom bil-proġett propost u jgħaddulna l-kummenti tagħhom sal-laqgħa li jmiss, biex il-Kunsill jieħu deċiżjoni finali abbażi tar-rispons li jkun hemm.

## 23.13 Ċirkulari Numru SPI/SCI/06/2020 – Finanzjament għall-kreazzjoni ta' Spazji Miftuħa fiċ-Ċentru tal-Ibliet u l-Irħula f'Malta u Għawdex

23.13.1 Ġiet innutata Ċirkulari Numru SPI/SCI/06/2020 mibgħuta mid-DGL.

23.13.2 Il-Kunsill qabel li napplikaw biex jiġi ffinanzjat (85%) il-proġett ta' *embellishment* fi Triq il-Qarċilla. Is-SE ser titlob lill-Perit sabiex sal-laqgħa li jmiss jipprepara stima tax-xogħlijiet biex tkun tista' tiġi sottomessa l-applikazzjoni li tagħlaq fl-4 ta' Diċembru 2020.

## 23.14 *Central Link Project*

23.14.1 Ġiet innutata *email* mibgħuta minn residenti dwar il-periklu li hemm meta wieħed jiġi biex joħroġ minn Vjal De Paule għal Triq l-Imdina peress li tneħħew it-*traffic lights*.

23.14.2 Il-Kunsill qabel li niktbu lill-IM biex ninfurmawhom b'dan il-periklu u nitolbuhom biex isiru *traffic lights* temporanji, tal-inqas sakemm jitlesta l-proġett.

## 23.15 Restawr ta' monumenti storiċi

23.15.1 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li ġie avviċinat mill-Każin Filarmonika Marija Annunzjata. Il-Każin ser ikun qed jaħdem fuq ir-restawr tan-niċċa tal-Madonna tar-Rummiena u skond kwotazzjoni li ġabru l-ispiża tammonta għal €8,475 (VAT eskluż).

23.15.2 Il-Kunsill jaqbel li jekk il-Każin jaqbel, il-proġett isir flimkien u l-Kunsill jiffinanzja nofs l-ispiża tar-restawr.

23.15.3 Apparti minn hekk ser niċċekkjaw mar-Reġjun jekk nistgħux niffinanzjaw nofs l-ispiża permezz ta' Skema Finanzjarja Numru 1/2020 – Twettieq ta' Proġetti mill-Kunsilli Lokali u n-nofs l-ieħor jiġi ffinanzjat mill-Każin.

## 23.16 PA/11034/18 – *Benrikville,* Triq Wiġi Ebejer k/m Triq l-Annunzjata

23.16.1 Dwar l-għeluq tat-triq mingħajr permess, kif intqal aktar kmieni f'din il-laqgħa, ser ninfurmaw lis-Supretendent il-ġdid b'din il-problema hekk kif ikollna kuntatt tiegħu.

23.16.2 Daħlu ilmenti li l-bieb tal-injam tas-sit fi Triq Wiġi Ebejer qed jitħalla miftuħ. Dan huwa ta' periklu għax hemm riskju li taqa' għal isfel. Il-kuntrattur ser jiġi infurmat biex il-bieb jinżamm magħluq.

## 23.17 Servizz ta' trasport għall-anzjani

23.17.1 Il-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano qal li ġie nfurmat li minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19, laqgħat urġenti biss qed jiġu iffissati mas-Segretarju Parlamentari. Qal ukoll li l-Onor Silvio Parnis assigurah li s-servizz tas-Silver T se jidħol fil-lokalitajiet kollha.

23.17.2 Dan l-*item* se jerġa' jiġi diskussa fil-laqgħa ta' Jannar 2021.

## 23.18 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

23.18.1.1 Tender għas-servizz ta' *Handyman* – BLC 01/2020
Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-kuntratt preżenti wasal biex jiskadi u għalhekk hemm bżonn li tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti. Is-SE qalet li ppreparat id-dokument għas-sejħa għall-offerti bir-referenza BLC 01/2020. Kopja tad-dokument ingħata lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

23.18.1.2 Dan id-dokument ġie approvat unanimament mill-Kunsill. Is-SE se tibda l-proċess biex toħroġ is-sejħa għall-offerti.

23.18.1.3 Il-Kumitat tal-Evalwazzjoni se jkun magħmul minn dawn il-membri:
Segretarju: Is-SE, Doriette Farrugia
Chairperson: Il-Kunsillier Stephen Gatt
Evalwaturi: Dr Abigail Critien (Avukat), Mark Debono (*Accountant*) u Adrian Mifsud (*Contracts Manager*)

23.18.2.1 Kwotazzjonijiet għax-xiri ta' *solar powered zebra lights*
Is-SE infurmat lill-Kunsill li s-*solar powered zebra lights* għaż-żewġ *zebra crossings* ġodda ġew ordnati fil-bidu ta' Awwissu mingħand Smart Lights Systems Co Ltd. Is-SE qalet li wara numru ta' *reminders,* il-kumpanija qatt ma rrispondiet għal din l-ordni, u għalhekk qed tressaq kwotazzjoni oħra mingħand B. Grima & Sons Ltd.

23.18.2.2 Il-Kunsill approva li tiġi kkanċellata l-ordni mingħand Smart Lights Systems Co Ltd u ssir ordni ġdida mingħand B. Grima & Sons Ltd.

23.18.3.1 Talba biex titneħħa *parking bay* minn Triq Ġulju Cauchi
Resident qed jitlob biex titneħħa *parking bay* li tinsab faċċata tal-garaxx tiegħu fi Triq Ġulju Cauchi u ssir *motorcycle bay* peress li qed ikollu problema biex juża l-garaxx meta jkun hemm il-karozzi pparkjati faċċata.

23.18.3.2 Il-Kunsill irrimarka li l-aċċess tal-garaxx mhux qed jiġi mblukkat bil-karozzi pparkjati faċċata u f'dik it-triq hemm problema kbira ta' *parking.* Għalhekk din it-talba ma ġietx approvata.

23.18.4 *Poinsettias Campaign* 2020
Ġiet innutata *email* mibgħuta mill-Uffiċċju tal-President dwar *Poinsettias Campaign* b'risq il-MCCF. Il-Kunsill unanimament approva li jinxtraw 150 poinsettia. Residenti ser jkunu jistgħu jiġbru waħda (*per household*) mill-uffiċċju tal-Kunsill billi jippreżentaw il-karta tal-identità. Dawn ser ikunu disponibbli fuq bażi ta' *first come first served.*

23.18.5.1 CSA Community Project
Ġiet innutat *email* mibgħuta mill-*Correctional Services Agency* dwar inizjattiva li ser ikunu qed isiru biex jagħtu xi ħaġa lura lill-komunità filwaqt li fl-istess ħin, il-priġunieri gradwalment jibdew jerġgħu jiddaħħlu fid-dinja tax-xogħol. Ser ikunu qed iwettqu proġetti żgħar ta' tindif, tisbiħ, manutenzjoni etċ fil-lokalitajiet.

3.18.5.2 Il-Kunsill unanimament approva li jipparteċipa.

23.18.6.1 Talba biex issir *zebra crossing* minflok *sleeping policeman* fi Triq Birbal
Resident qed jitlob biex titneħħa l-i*sleeping policeman* minn Triq Birbal u minflok issir *zebra crossing*. Is-SE infurmat li bħala Kunsill kien diġà talab lill-TM biex ineħħi l-i*sleeping policeman* u sal-lum ma rċivejniex risposta.

23.18.6.2 Il-Kunsill approva u TM ser jiġu nfurmati b'din it-talba.

23.18.7.1 <u>Ċirkulari Nru. SPI/SCI/3/2020 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessibilità u Mobilità</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-ispiża għax-xogħol fuq il-*website* biex tkun tista' tiġi aċċessata minn persuni neqsin mid-dawl tammonta madwar €60.

23.18.7.2 Il-Kunsill qabel li peress li l-ispiża hija baxxa, ma napplikawx għall-iskema u ssir minn fondi tal-Kunsill.

23.18.8.1 <u>Talba biex jitpoġġew tabelli tal-injam quddiem il-ħanut</u>
Sid il-ħanut *Hudson Confectionery* qed jitlob permess biex ipoġġi tabelli tal-injam quddiem il-ħanut. Apparti bħala reklam, dawn ser iservu bħala lqugħ mill-ilma tax-xita li jinżel minn quddiem il-ħanut.

23.18.8.2 Il-Kunsill approva din it-talba.

23.18.9.1 <u>Ċirkulari AKL 2020/118 – Skema ta' tħawwil ta' siġar f'żoni urbani fil-lokalità</u>
Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2020/118 mibgħuta mill-AKL, dwar skema ta' tħawwil ta' siġar li qed inidi il-Ministeru għat-Turiżmu.

23.18.9.2 Il-Kunsill irrimarka li m'hawnx spazju fejn jistgħu jiġu mħawwla siġar ġodda għalhekk mhux ser japplika għal din l-iskema.

23.18.10.1 <u>Ċirkulari AKL 2020/121 – *President's Fun Walk* 2020</u>
Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2020/121 mibgħuta mill-AKL, dwar il-*President's Fun Walk* 2020.

23.18.10.2 Il-Kunsill unanimament qabel li jipparteċipa. Ser niċċekkjaw jekk il-Kunsill Lokali Ħal Lija huwiex interessat li jipparteċipa magħna u ssir rotta waħda minn Ħal Balzan għal Ħal Lija. Jekk le, ssir rotta f'Ħal Balzan biss.

23.18.11.1 <u>*Performance Report* għas-sena 2020 tal-Ħaddiema taħt l-iskema CWSEF</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li wasal iż-żmien li nippreparaw il-*Performance Report* tal-ħaddiema taħt l-iskema CWSEF. Is-SE infurmat li skont il-ftehim li ġie ffirmat bejn l-Assoċjazzjoni u l-CWSEF, il-*Performance Allowance* sa massimu ta' €450 (VAT eskluż), irid jitħallas mill-Kunsill.

23.18.11.2 Il-Kunsill jinsab kuntent bix-xogħol li jagħmlu u għalhekk kien hemm qbil li għandhom jieħdu l-ammont massimu tal-*performance allowance.* Il-Kunsill unanimament approva l-*Performance Reports* li ġew ippreparat mis-SE.

23.18.12.1 <u>*European Week for Waste Reduction* 2020</u>
Il-Kunsillier Stephen Gatt infurma li l-Kunsill ġie *listed* bħala wieħed mill-finalisti fil-*Malta Waste Reductions Awards*.

23.18.12.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ssir kampanja edukattiva dwar is-separazzjoni u l-ħruġ tal-iskart billi jiġi ikkreat *videoclip* informattiv għal fuq il-medja soċjali. Il-Kunsillier Stephen Gatt, flimkien mal-Viċi Sindku ser jieħd ħsieb din l-inizjattiva.

## 23.19 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

23.19.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 10/20, li tinkludi l-ammont ta' €114.93c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Settembru 2020.

23.19.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 23.20 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

23.20.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.25pm.

23.20.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 24 ta' Novembru 2020 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 24 ta' Novembru 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nutar Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |